**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Justin Mercieca**

**Malcolm Mercieca**

**Illum, 17 ta' Frar, 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet mahruga kontra Justin Mercieca, detentur tal-karta tal-identità numru 571588M, u Malcolm Mercieca, detentur tal-karta tal-identità numru 489989(M), li permezz taghhom gew akkuzati talli nhar id-29 ta' Marzu 2019, ghal habta ta' 15.30 hours, waqt li kienu gewwa Sqaq il-Kubrit, Hamrun,

> *"1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħkom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkagunajtu ħsarat ghad-dannu ta' Albert Mangion liema hsarat jammontaw ghal €258.00 Art. 328 Kap 9"*

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet trattazzjoni;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-kawza titratta dwar argument li nqala' bejn l-imputati u Albert Mangion. Irrizulta li l-ahwa Mercieca, sabu l-mutur li kienu hallew f'post partikolari, mhux f'postu, u ghalhekk kienu qed isaqsu dwar ir-raguni ghalfejn dan il-mutur gie mcaqlaq minn postu. Din il-Qorti giet rinfaccata b'verzjonijiet konfliggenti dwar x'effettivament gara.

Xehed **Albert Mangion,** li sostna huwa hareg minn fuq il-post fejn kien qed jahdem, biex jara ghalfejn l-imputati kienu qed jistaqsu min kien caqlaq il-mutur. Skont Albert Mangion, l-ahwa Mercieca spiccaw jinsulentawh u bdew jaghtuh id-daqqiet, bil-konsegwenza li tajjrulu n-nuccali minn ghajnejh. Skont Mangion, huwa rnexxielu jahrab minn fuq il-post, saq il-vann, izda mbaghad waqaf, u talab lill-kollega tieghu biex isuq, ghax kellu qatgha fuqu. Kompla jghid li mbaghad mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Hamrun.

Waqt il-kontroezami ta' Mangion, dan ikkonferma li huwa kellu tornavit f'idejh, u li huwa sempliciment laqa' ghad-daqqiet. Cahad li huwa hareg ghall-ahwa Mercieca u xejjer daqqa ta' tornavit lil Justin Mercieca. Waqt il-kontroezami, Mangion sostna li kien Justin Mercieca li tah l-iktar daqqiet, u li waqaghlu n-nuccali. Insista li n-nuccali tar xhin l-ahwa Mercieca qabdu jghajjtu u bdew jaghtu d-daqqiet f'wiccu.

Mill-banda l-ohra, **Justin Mercieca** xehed li hu u huh sabu l-mutur taghhom f'nofs tat-triq, u bdew isaqsu dwar min caqlaq il-mutur ta' huh. Sostna li kien hareg Mangion bl-herra, u kien identifika ruhu bhala l-persuna li caqilqet l-mutur. Spjega li dan kien qallu biex darb'ohra, il-mutur ma jithalliex hemm, u beda joffendih. Sostna li huwa kien staqsieh ghalfejn kien qed joffendih, u Mangion hareg tornavit, u dahhlu f'genbu. Dan insista li huwa lanqas biss messu lil Mangion. Spjega li Mangion imbaghad, telaq u saq bil-karozza. Insista li kulma skambja ma' Mangion kien kliem, u fl-ebda hin ma tah xi daqqiet. Mistoqsi jekk kienx ra nuccali, l-imputat Justin Mercieca sostna, li huwa qatt ma rah in-nuccali, u li lil Mangion, qatt ma kien rah f'hajtu, bil-konsegwenza li huwa ma kienx jaf jekk dan jilbisx nuccali. In kontroezami, huwa rega' kkonferma li lil Mangion ma

jafux, u li lanqas jaf li jilbes nuccali. Sostna li huwa ma jiftakarx jekk Mangion kienx liebes nuccali dakinhar tal-incident. Rega' nsista, li huwa fl-ebda hin ma hebb ghal Mangion.

L-imputat **Malcolm Mercieca** kkonferma l-verzjoni li ta huh, u zid li huwa xhin ra lil huh milqut b'tornavit go genbu, mar jigri jcempel ghall-ambulanza. Dan spjega wkoll li huwa ma kienx jafu lil Mangion, u lanqas ra nuccali fuqu f'dak il-hin. Dan cahad li lil Mangion rah liebes nuccali. In kontroezami, huwa sostna li dan sehh f'temp qasir ta' hin, fejn hu u huh ma kellhomx cans jiehdu xi azzjoni, ghaliex Mangion dahhal it-tornavit f'genb Justin Mercieca mal-ewwel. Spjega li Mangion imbaghad saq 'l hemm.

Il-kollega li kien flimkien ma' Mangion, certu **Francis Sultana**, sostna li gew kostretti jcaqilqu l-mutur li kien hemm ipparkjat. Sosna li bdew ihottu x-xoghol, fejn f'daqqa wahda, tfaccat persuna li bdiet issaqsi ghaliex il-mutur kien gie mcaqlaq. Sostna li mbaghad, nizel Mangion u giet persuna ohra, fejn inbeda argument bejn Mangion u dawn iz-zewg persuni. Sostna li dawn iz-zewg persuni li huwa gharaf bhala l-imputat, aggredew lil Mangion, u f'waqt minnhom, wiehed mill-imputati semma li kien ha jmur ghal sikkina, u Mangion kien qallu biex jitilqu mill-post, kif fil-fatt ghamlu. Ix-xhud sostna li huwa ma rax in-nuccali jtir. Sostna li Mangion kien beda jsuq, u mbaghad kien waqaf u pparkja l-vettura, ghax qallu li kien bla nuccali, u ma kienx qed jara sew. Dan sostna li huwa ma rax in-nuccali jtir, u min effettivament tajjar dan in-nuccali. Fil-kontroezami, dan ix-xhud sostna li huwa ma rax li wiehed mill-imputati kien laqqat daqqa ta' tornavit u li kien wegga'. Sostna wkoll li huwa ma rax tornavit.

Din il-Qorti tqies li ma tista' bl-ebda mod, tistrieh fuq ix-xhieda ta' Francis Sultana, peress li huwa ferm inverosimili li persuna li kienet tant qrib ta' dak li qed jigri, la rat in-nuccali jtir, u lanqas ma rat li Mangion kellu tornavit f'idejh, jew li wiehed mill-imputati gie milqut b'tornavit.

Ghaldaqstant, dak li ghandha quddiemha din il-Qorti, hija sitwazzjoni fejn hija rinfaccata b'verzjonijiet konfliggenti. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-9 ta' Settembru 2002, fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara, fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet, u cioè, jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni, ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta, u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija, u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor. In fatti, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dsatax (19) ta'

Mejju, 1997, fil- kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker, spjegat li :

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*

Il-Qorti tiribadixxi illi mhux kull konflitt fil-provi, ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Joseph Thorn" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet:

> *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9, u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex se temmenu jew ma temmnux.*" (ara ukoll "Ir-Repubblika ta' Malta versus Dennis Pandolfino et", 19 ta' Ottubru 2006).

Il-Qorti zzid tghid, li ghalkemm il-principju regolatur f'kawzi kriminali huwa fis-sens, li bhala regola d-dubju ghandu jmur favur l-imputat, mill-banda l-ohra, dan ifisser ukoll li mhux kull dubju huwa tali, li ghandu bilfors jwassal ghal dan ir-rizultat. Id-dubju li jitqajjem ghandu jmur favur tal-imputat, meta l-Qorti ma tkunx moralment konvinta jew sikura, li verzjoni tal-parte civile ikollha iktar mis-sewwa mill-verzjoni tal-imputat. In fatti, ai termini tal-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali, xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu, il-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-principju gie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat (Ara fost ohrajn l-appelli kriminali Sede Inferjuri ,fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Joseph Bonavia, ippreseduta mill-Imhallef Joseph Galea Debono, u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar, ippreseduta mill-Imhallef Patrick Vella, u deciza fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri, ippreseduta mill-Imhallef David Scicluna, u deciza fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech, deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri, u ppreseduta mill-Imhallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef, u datata 24 ta' Settembru 2004).

Ghalhekk, hekk delinjat fil-kawza fl-ismijiet, Pulizija vs John Zahra, deciza mll-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-24 ta' Gunju 2021:

> *"Iġifieri huwa legalment korrett u permissibbli għal Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss; u dan anke fil-każ fejn ikun hemm biss żewġ verżjonijiet kontrastanti. F'każ ta' żewġ verżjonijiet kontrastanti wieħed jista' jgħid*

*li jista' jitnissel dubju dwar liema verżjoni hija dik veritjiera. Dan jista' jagħti lok għal dubju raġonevoli f'moħħ il-ġudikant tal-fatt. Iżda f'każ li dan il-ġudikant isib li l-verżjoni ta' wieħed mix-xhieda hija aktar ta' min jorbot fuqha, kredibbli, konsistenti jekk mhux ukoll korroborata minn evidenza oħra, li tista' tkun anke ċirkostanzjali, allura f'dak il-każ, anke jekk il-Qorti jkollha verżjonijiet dijametrikament opposti hija xorta waħda tista' tagħżel li temmen verżjoni minnhom u tiskarta l-verżjoni l-oħra."*

Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova din l-imputazzjoni lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, u in vista ta' dan id-dubju, din il-Qorti sejra takkorda l-istess, a favur tal-imputati, bil-konsegwenza li sejra tillibera lill-entrambi l-imputati. Dana peress li kif già nghadd, hija ma tistax tistrieh fuq ix-xhieda ta' Francis Sultana, li kien verament selettiv fix-xhieda tieghu, u ma kienx kapaci jirrispondi, la dwar in-nuccali, u lanqas dwar it-tornavit, nonostante li kien qieghed *bystander,* ihares x'inhu jigri minghajr ma' jinvolvi ruhu.

Lanqas ma tista' tqies li l-verzjoni moghtija minn Mangion, kienet verosimili, meta dan ukoll ghazel li fit-testimonjanza tieghu, ma jsemmix li kellu f'idejh tornavit, izda kien biss imbaghad waqt il-kontroezami, li zvela dan il-fatt. Lanqas ma kien f'pozizzjoni li jkun preciz dwar min effettivament seta' tajjarlu n-nuccali, u dwar kif dan in-nuccali ttajjar. In oltre, nonostante li dan insista li huwa dejjem jilbes in-nuccali f'kull hin, din il-Qorti ma tistax tifhem kif imbaghad, l-istess Mangion spicca qabad isuq il-vettura tieghu biex jitlaq minn fuq il-post, u li fix-xhieda tieghu, sostna li mbaghad wara li saq, kien waqaf u talab lil siehbu jsuq, ghaliex kellu qatgha kbira fuqu. Fl-ebda hin ma semma li ma kienx qed jara waqt is-sewqan minhabba n-nuccali. Il-Qorti nnotat ukoll li meta nsaqet il-vettura, waqghet ukoll gwardarobba li kienet fuq is-saqaf tal-istess vettura, u ghalhekk, go mohh il-gudikant, ghad hemm id-dubju jistax jaghti fatt li n-nuccali waqa' lil Mangion waqt li kien qed jahrab minn fuq il-post, jew waqt li kien qed jilqa' ghall-allegati daqqiet li qala' mill-imputati (liema daqqiet l-imputati jichdu bl-ikbar qawwa). Lanqas ma nhargu akkuzi li Mangion sofra minn griehi hfief, nonostante li skont hu, huwa gie aggredit miz-zewg imputati, li allegatament tawh daqqiet f'wiccu u anke bis-sieq. Thares minn fejn thares, din il-Qorti ma tistax issib dik il-konvinzjoni morali li tqies il-verzjoni moghtija minn Mangion, bhala dik veritiera.

Dwar imbaghad il-verzjoni moghtija mill-imputati, din il-Qorti lanqas tqies li din tista' titwemmen fit-totalità taghha. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputati zammew kalmi, meta kienu qed isaqsu dwar min kien caqlaq il-mutur, u allegtament poggih f'nofs ta' triq. Il-Qorti sejra zzomm ukoll quddiem ghajnejha l-fatt, li entrambi l-imputati kkonfermaw, li huma qatt ma kienu raw lil Mangion

qabel, u ghalhekk, jista' jkun li ma kinux f'pozizzjoni li jiftakru ommeno, jekk dan Mangion kienx liebes nuccali.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tapplika l-principju regolatur li f'kawzi criminali, id-dubju ghandu jmur favur l-imputati, stante li din il-Qorti ma hijiex moralment konvinta jew sikura, li verzjoni tal-parte-civile ghandha iktar mis-sewwa, mill-verzjoni tal-imputati.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi tillibera lill-entrambi l-imputati minn kull kundanna u htija.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**